# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru: 9**

**Rikors Numru: 360/13 SM**

**Carmel sive Charles Grech**

**v.**

**Sergio Manche`**

**PRELIMINARI**

Illi dan huwa appell ad istanza tal-konvenut mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 2015, li permezz tieghu qed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u tilqa' l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni; ghall-ahjar intendiment din is-sentenza qed tigi riprodotta:

"Il-Qorti,

"1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 t'April, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

"1.1. Illi fil-perjodu bejn l-1999 u l-2004, biegh u kkonsenja merkanzija bl-ingrossa lill-intimat;

"1.2. Illi kien jordna l-merkanzija domestika minghand klijenti esteri u jikkonsenjha lill-intimat;

"1.3. Illi ta' dan, l-intimat kien ihallas akkont lir-rikorrenti;

"1.4. Illi l-intimat sab ruhu moruz u *nonostante* li interpellat biex ihallas il-bilanc minnu dovut, baqa` inadempjenti, (ara foll 5);

"1.5. Illi ghalhekk kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

"1.5.1. Tiddikjara li bejn l-1999 u 2004 ir-rikorrenti biegh u kkonsenja lill-intimat merkanzija domestika bl-ingrossa;

"1.5.2. Tillikwida ghalhekk l-ammont bilancjali dovut mill-intimat lir-rikorrenti;

"1.5.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti;

"1.5.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali hemm indikata sad-data ta' l-effettiv pagament;

"2.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-2 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

"2.1. Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrenti ghall-hlas ta' merkanzija allegatament mibjugha u kkonsenjata lilhu hi preskritta bid-dekors ta' hames (5) snin *ai termini* ta' l-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili;

"2.2. Illi fi kwalsiasi kaz, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li l-ebda ammont m'hu dovut minnu lir-rikorrenti;

"2.3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

"3. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu, in vista tar-risposta preliminari fuq il-preskrizzjoni, (ara paragrafu numru tnejn punt wiehed, (2.1.), aktar qabel), ordnat il-kapovolgiment tal-provi, (ara foll 18);

"4. Rat id-digriet taghha datat it-2 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil- modalita` u fit-termini hemm indikati, u dan, limitatament ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat, (ara foll 1295);

"5. Ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-5 t'Awwissu, 2015, (ara foll 1299);

"6. Semghet ix-xhieda prodotta;

"7. Ezaminat id-dokumentazzjoni ezageratament kopjuza ipprezentata *in atti*;

"Ikkunsidrat:

"8.0. Illi r-rikorrenti sintetikament isostni s-segwenti:

"8.1. Illi permezz tal-procedura odjerna r-rikorrenti qed jippretendi l-hlas ta' erba` mija u hamsa u tletin elf, tmin mija u hamsa u tmenin Lira Maltin u tnax il-centezmu, (Lm435,885.12), ekwivalenti ghal (€1,015,350.80), ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija domestika lill- intimat kif dedott fir-rikors guramentat promotur tieghu, (ara foll 1 u foll 1255);

"8.2. Illi originarjament l-intimat kien jiggestixxi l-hanut bl- isem ta' *"Tabletop"*, sitwat fil-fond numru 61, *South Street*, Valletta, (ara foll 45);

"8.3. Illi l-kontendenti kienu ftehmu kuntrattwalment li filwaqt li r-rikorrenti jimporta l-merkanzija in dizamina bl- ingrossa din kellha tigi kkonsenjata lill-intimat biex hu jbieghha mill-hanut indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1291);

"8.4. Illi d-dokumentazzjoni relattiva involuta kienet responsabbilita` tar-rikorrenti li kien jghaddi kopja ta' l-istess lill-intimat;

"8.5. Illi l-ispejjez involuti fir-rigward, bhal per ezempju t-trasport, kienu a karigu ta' l-intimat, (ara foll 45);

"8.6. Illi l-merkanzija hekk importata kien ihallas ghaliha r-rikorrenti filwaqt li l-intimat kien jirrifondi lir-rikorrenti ghall-istess permezz ta' pagamenti in akkont, (ara foll 45);

"8.7. Illi wara li kienet introdotta s-sistema tal-VAT jirrizulta *ex admissis* li l-intimat kien ihallas ghall-ispejjez involuti, ghalkemm ir-rikorrenti baqa` jhallas ghal kull ordni minnhu maghmula, (ara foll 45), u dan ghaliex ir- rikorrenti beda jimporta x-xoghol *de quo* fuq il-VAT ta' l- intimat, (ara foll 1291);

"8.8. Illi ghalkemm in-negozju fuq deskritt kellu principju fjorenti jirrizulta li l-prosegwiment ta' l-istess stalla u kkrolla *stante* li l-intimat sab ruhhu moruz fil-pagamenti minnhu dovuti lir-rikorrenti;

"8.9. Illi rizultat ta' l-istess ir-rikorrenti kien kostrett jittermina din ir-relazzjoni kummercjali ma' l-intimat, anke wkoll, ghaliex kredituri ohra ta' l-intimat, bdew jirrikorru ghall- pagamenti dovuti lilhom mill-istess rikorrenti, (ara foll 45);

"8.10. Illi skont ir-relazzjoni ta' l-awditur tar-rikorrenti l-ammont hekk dovut mill-intimat lir-rikorrenti kien tela` ghall-ammont indikat precedentement, (ara paragrafu numru tmienja punt wiehed, (8.1.), aktar qabel u foll 23 u 24), liema ammont hu debitament ikkonfortat bid-dokumentazzjoni kopjuza involuta, (ara foll 49 sa 1249);

"8.11. Illi ghalkemm l-intimat kien gie interpellat diversi drabi biex jissalda l-ammont konsiderevoli minnhu dovut lir-rikorrenti, anke permezz ta' ittra ufficjali, dan xorta injora l-istess interpellazzjonijiet u baqa` inadempjenti;

"8.12. Illi *nonostante* id-disfatta kummercjali ta' l-intimat fuq sintetikament deskritta, dan jidher li rega` avvicina lir-rikorrenti biex jerga jibda jikkonsenjalu l-merkanzija *de quo*;

"8.13. Illi minkejja l-esperjenza negattiva riskontrata, r- rikorrenti ghazel li jerga` jibda` jfornieh bil-merkanzija izda, din id-darba, minghajr ma jikkoncedi krediti lill- intimat;

"8.14. Illi ghalhekk il-kontendenti issa ftehmu li l-intimat ihallas kontanti lir-rikorrenti malli dan jeffettwa l-konsenja, (ara foll 1278);

"8.15. Illi skont l-istess rikorrenti jirrizulta li dan il-ftehim sussegwenti kien pozittiv;

"8.16. Illi fl-istess hin ir-rikorrenti baqa` kostantement ***jissikka*** lill-intimat biex ihallas l-arretrati kospikwi minnhu lilhu dovuti "... hu kien jippromettili li jhallasni", (ara foll 1278);

"8.17. Illi minkejja dawn il-promessi luzingjeri ta' l-intimat, il-pagamenti dovut qatt m'avveraw ruhhom;

"8.18. Illi konsegwenza ta' l-istess, ir-rikorrenti interrompa kull relazzjoni ma' l-intimat, inkluz l-ahhar arrangament kummercjali fuq indikat, (ara foll 1278);

"Ikkunsidrat:

"9. Illi jigi sottolineat f'din il-fazi li l-procedura odjerna hi limitata ghar-rizoluzzjoni ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill- intimat, (ara foll 16 u foll 1295);

"Ikkunsidrat:

"10. Illi f'dan ir-rigward, fir-risposta guramentat tieghu l-intimat jissolleva l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kwinkwennali, (ara artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u foll 16);

"11. Illi tenut kont ta' l-eccezzjoni preliminari indirizzata mill-ewwel risposta ta' l-intimat jirrizulta pacifiku li issa l-oneru rinfaccat hu li allura:

"**iudex debet iudicare secundum alligata et probata"**

"Ikkunsidrat:

"12.0. Illi fir-rigward jigi innotat bi preokkupazzjoni li ghalkemm l- intimat issolleva din l-allegazzjoni tieghu li l-azzjoni odjerna hi preskritta fil-konfront tieghu bi preskrizzjoni ta' hames (5) snin, l-istess intimat ghazel li:

"12.1. La jitla jixhed bil-gurament biex isostni it-tezi tieghu;

"12.2. Lanqas igib l-icken prova fir-rigward;

"Ikkunsidrat:

"13. Illi hu wkoll ormai abbundantement assodat fl-ordinament guridiku Malti li:

"**Onus probandi incumbit ei qui dicit**"

"14. Illi fir-rigward ghandu jirrizulta pacifiku li ghalkemm l-intimat issolleva *in limine* din l-eccezzjoni preliminari tieghu, b'dizdenn komplet ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, ghazel li ma isostnix dak minnhu allegat bil-provi minnhu dovuti fir-rigward;

"15. Illi ghalhekk, mhux biss allura li r-risposta tieghu tirrizulta li kienet fiergha ghaliex naqas li jsostniha kif dovut fit-termini tal-massima Latina fuq citata, izda tirrizuta li kienet biss sotterfug inutili intiz biss biex itawwal il-procedura inutilment;

"16. Illi f'gurisdizzjonijiet ohra, anke fl-Unjoni Ewropea li Malta tifforma parti minnha, tali manuvrar inutili hu ekwiparat ma' reat specifiku – dak ta' l-**abbuz mill-process gudizzjarju** – li min hu dovut ghandu jikkonsidra l-introduzzjoni tieghu fl- ordinament guridiku Malti;

"17.0. Illi *di piu`*, jirrizulta li r-rikorrenti kien debitament kostanti fit- talbiet tieghu ghar-risarciment involut, u dan, billi:

"17.1. Baghat il-fatturi rilevanti lill-intimat, (ara foll 45);

"17.2. Interpella kemm verbalment kif ukoll b'mod skritt, anke b'ammonizzjonijiet ufficcjali lill-intimat ghall-pagamenti dovuti, (ara foll 46, 1253, 1273, 1275 u 1278);

"17.3. L-istess intimat assigura lir-rikorrenti li kien ser ihallas l-ammonti kollha dovuti, (ara foll 1278);

"Ikkunsidrat:

"18.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodifatta li l-intimat ma pprovax l-eccezzjoni preliminari minnhu sollevata u konsegwentement:

"**DECIDE:**

"18.1. Tirrespingi l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat;

"18.2. Tirrizerva d-decizjoni taghha ghall-ispejjez fuq dan il- Kap;

"18.3. Tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza ghal data ohra wara li tikkonsulta fir-rigward lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jigi issa investit il-mertu veru u proprju tal-procedura odjerna."

Kif jidher allura permezz ta' din is-sentenza l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni msemmija u sar allura dan l-appell mill-konvenut li permezz tieghu qed jitlob ir-revoka tas-sentenza.

Il-Qorti ghalhekk, rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell u ikkonsidrat;

**AGGRAVJU**

L-aggravju huwa wiehed u cioe` li l-Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni gia` imsemmija, izda bhala preludju ghal dan, l-appellant jghid li l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta' kont kurrenti izda aktar iqarreb wiehed ta' shubija. Dan ghaliex li kien jigri kien li l-appellat kien jimporta l-merkanzija in kwistjoni fuq in-numru tal-VAT tal-appellant li mbaghad kien ihallas il-kummissjoni dovuta flimkien mal-prezz tal-oggetti importati.

L-argument tal-appellant huwa wiehed kjarament insostenibbli. Biex ikun hemm shubija jrid ikun hemm ftehim dwar il-qsim tal-profitti li f'dan il-kaz ma kienx jezisti. L-appellant kien obligat ihallas il-prezz tal-oggett u l-kummissjoni dovuta lill-appellat. Ghalhekk bil-maqblub ta' dak li qed

jargumenta l-appellant, l-arrangament kien aktar jixbah wiehed ta' kont kurrenti milli ta' xi haga ohra peress li l-hlas kien isir perjodikament.

Il-kwistjoni sollevata mill-appell allura hija jekk l-Artikolu 2156 (f) japplikax favur l-appellant fil-kaz odjern; dan l-artikolu jghid illi:

> "***2156***. *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> "*…*
>
> "*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.*"

Fl-aggravju tieghu allura l-appellanti jsostni li ma sarx apprezzament tajjeb mill-ewwel Qorti tal-provi migbura quddiemha u li l-fatt li huwa ma xehedx ma kellux ifisser li huwa ma pprovax l-eccezzjoni tieghu.

Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta'*

*apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001; madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014**).

Bhala punt ta' dritt huwa minnu li l-fatt li l-appellant ma xehedx ma jfissirx b'daqshekk li huwa ma gabx bizzejjed provi f' dak li qed isostni; il-Qorti ghandha tiddecidi kif qalet hija stess **iuxta allegata et probata** u skond ir rizultanzi fattwali <u>kollha</u> ippruvati (**Vol LXXIV – ii – 869**). F'gudizzju civili l-Qorti trid tiddeciedi fuq *il-preponderanza tal-probabiltajiet* (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta'

probabiltajiet; **iuxta allegata et probata** kif appena issemma' u skont ir rizultanzi fattwali ppruvati (**Vol LXXIV – ii- 869**). Ghalhekk "*il-kriterju mhux dak jekk il-gudikant jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humix fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabilitajiet, sostratt baziku tal-azzjoni civili in kwantu dawn, mal-preponderenza tal-provi generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif pacifikament maghruf ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabiltajjiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubbju ragjonevoli.* (**Bugeja v. Meilak**, deciza 30 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili).

Fil-kaz in ezami pero` anke jekk wiehed jezamina l-provi kollha, jasal ghall-istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Bizzejjed wiehed jirrimarka li l-appellant ma rribatta b'ebda mod dak li qal l-appellat (fol. 1278 – affidavit tal-attur) u cioe` li huwa (l-appellat) wieghdu diversi drabi sa Gunju 2005 li kien se jhallsu dak dovut izda baqa' ma ghamilx dan. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Psaila v. Slabick** (9 ta' Frar 2005) intqal illi:

> "*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar*

> *din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu.*"

F'dan il-kaz pero` ma kien hemm ebda konflitt ta' provi; l-attur qal illi wara s-sena 2004 u cioe` is-sena li fiha saret l-ahhar kunsinna, l-appellant kemm-il darba wieghdu li se jhallas u din id-depozizzjoni ma giet qatt ribattuta mill-istess appellant. Kwindi l-preskrizzjoni kwinkwennali (saret interpellazzjoni gudizzjarju fl-2009 u l-kawza giet intavola fl-2013) giet definittivament interrotta.

Jigi osservat ukoll li *"jekk id-debitur jirrikonixxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu illikwidu"* (**Kollez. Vol. XLIII pII p744; Vol XLV pII p632**).

Huwa wkoll applikabbli ghal din il-kawza, dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha **Pace Gasan nomine v. Spiteri nomine**, (23 ta' April 2001) fejn il-fatti tal-kaz kienu simili hafna ghal dawk li qed jigu ezaminati:

> "*Minn dawn il-fatti johrog car (a) li l-perjodu preskrittiv ta' hames snin seta' biss jibda jiddekorri mill-ahhar konsenja registrata fil-kont kurrent u mhux*

> *qabel. Dan fl-ahjar ipotesi tas-socjeta` appellanti u (b) li l-ahhar pagament li jkun sar akkont ta' l-ammont dovut f'dak il-kont kurrent kien jikser u jinterrompi l-perjodu preskrittiv fil-konfront tal-kont kollu. Dan ghaliex hu meqjus illi l-kont kurrent ikun jirraprezenta dejn wiehed in kwantu l-kontraenti jkunu hekk qablu li kellu jigi meqjus, in kwantu ttransazzjonijiet kollha kienu minnhom konsidrati bhala operazzjonijiet differenti fl-istess negozju bejniethom.*"

Kif ukoll sewwa irrileva l-appellat fir-risposta tieghu l-appellant kien accetta (f'Jannar 2005) li pagament minn klijent tal-appellant (Joinwell Ltd) isir direttament lill-appellat, u allura in effetti kien sar pagament dak in nhar li interrompa l-preskrizzjoni li allura regghet bdiet tiddekorri. Fil-kawza appena citata saret ukoll riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Giovanni Micallef v. Giuseppe Azzopardi**" **(Vol. XXVIII.i.751)** fejn intqal: "*Che da cio emerge anche chiaro che i rapporti interceduti tra l'attore e il convenuto sono rapporti d'indole commerciale perche' il citato non acquistava il vino per proprio uso ma per venderlo nella sua bottega …….. e quindi le somministrazioni e consegne che l'attore faceva al citato come evincesi dal complesso di prove non devono considerarsi come singole consengii a credenza ma come diverse forniture da formare un solo conto. Quindi i pagamenti che si facevano acconto importavano ricognizione dell'intero debito e la prescrizione deve incominciare dal di dell'ultima fornitura quando cessavano i rapporti tra il contendenti.*"

Huwa ghalhekk car li l-appell huwa infondat u ghandu jigi michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li tordna li l-atti jigu rimessi quddiem l-ewwel Qorti ghat-tkomplija tal-kawza; l-ispejjez ta' dawn il-proceduri tal-appell huma a kariku tal-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df